MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Numru 271/2000

Il-Pulizija
(Sp Marthese Micallef)
vs
Joseph Abela, iben Nicholas,
imwieled Pieta' fit-18 ta' frar, 1961

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fid-9 ta' ottubru, 2001 għal ħabta tas-6.30 p.m. ġewwa Ħad-Dingli, mingħajr
il-ħsieb li joqtol jew li qiegħed il-ħajja ta' Paul Abela f'perikolu ċar, ikkaġunalu ġrieħi ta' natura gravi fuq l-istess Paul Abela, skond kif iċċertifika Dr. Maria Elena Borg M.D. ta' l-isptar San Luqa;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi nġurja jew hedded lil Paul Abela;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-paċi pubblika bi ġlied u għajjat;
4. talli sar reċidiv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-13 ta' jannar, 2002 u tad-29 ta' ottubru, 1991 rispettivament, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiċi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' ġunju, 2002 fejn it-Tabiba Dr. Maria Elena Borg ikkonfermat li l-feriti li ġarrab Paul Abela huma ta' natura ħafifa.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' ġunju, 2003 fejn il-'parte civile' infurmat il-Qorti li d-danni ġew kollha mħallsa u Paul Abela m'għandhux aktar interess fil-kawża u qed jirrinunzja għall-azzjoni kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' novembru, 2003 fejn l-imputat qed jammetti
l-akkużi li mhumiex rinunzjabbli.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit għal dak li jirrigwarda l-ewwel żewġ akkużi. Issibu ħati tat-tielet u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħamsa u għoxrin liri maltin (Lm25).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------